MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2002

Numru 665/2001

Il-Pulizija
(Spettur Ray D'Anastasi)
vs
Emanuel Mifsud.

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi kontra l-imputat:
Emanuel Mifsud, ta' 47 sena, bin Joseph u Marianna nee Debono, mwieled H'Attard 'Sunkist', Triq Belvedere, Gzira, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 101254(M);

Akkuzat talli:
Fis-6 ta' Awissu 2001 ghal habta tat-3.00 p.m. waqt li kien gewwa l-'Holiday Travel Agency' li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan:

(1) Hedded b'oggett iebes (lembuba) lil Amadeo Balzan;

(2) Hedded lil Amadeo Balzan bil-kliem;

(3) Volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku bl-ghajjat u glied;

(4) Bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita` kompetenti arresta, zamm jew issekwestra lil Amadeo Balzan kontra l-volonta` tieghu;

(5) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn hamsin lira Maltin ghad-dannu tal-Maltacom p.l.c.;

(6) Ikkommetta serq ta’ bagalja ghad-dannu ta’ Amadeo Balzan.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament, mhux opposta mill-imputat;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni volontarja u inkondizzjonata fl-udjenza tal-lum;

Semghet lill-kwerelant/derubat ukoll fl-udjenza tal-lum;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi wara li qieset ix-xhieda ta’ l-istess kwerelant ir-raba’ (4) u s-sitt (6) akkuzi ma jirrizultawx pero` jirrizultaw l-akkuzi l-ohra;

Illi l-imputat ammetta volontarjament u inkondizzjonatament l-akkuzi kontrih dedotti

Ghalhekk wara li rat l-Artikoli 339(1)(b), 338(dd) u 325(c) filwaqt li ssibu hati ta’ l-ewwel (1), it-tieni (2) u l-hames (5) akkuzi pero` mhux hati tar-raba’ (4) u s-sitt (6) akkuzi u ghalhekk tilliberah minnhom;

Dwar l-akkuzi li nstab hati tilliberah ukoll bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

---------------------------------TMIEM---------------------------------